MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Numru. 324/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor V. Micallef)**

**Vs**

**Nedra Micallef ta' 27 sena, bint Raymond Micallef u Vincenza nee` Briffa, imwielda 20 ta' April 1980, Pieta, residenti Flt 3, Triq il-Vaguni, Binja tas-Salib, Ent. D, Birkirkara u detentrici tal-karta ta' l-identita 212980(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Nedra Micallef u cioe` talli nhar it-22 ta' Marzu 2008, ghal habta tat-tlieta ta' filghodu, gewwa l-Bar bl-isem Havana illi jinsab Triq San Gorg, San Giljan;

1. Ikkommettiet serq ta’ 358 Euros f’mobile phones, Kamera Digitali illi tiswa 163.00 Euros u 200 Euro fi flus ghad-dannu ta’ Yasmine Azzopardi, Marisa Piscopo u Michelle Falzon rispettivament, liema serq huwa kwalifikat bl-‘ammont’ u bil-‘hin’

2. Talli kisret ordni tal-qorti li ma taghmilx reat iehor, liema sentenza giet moghtija fil-15 ta’ Novembru 2006 mill-Qorti tal-Magsitrati (Malta) liema sentenza hi definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti esebiti;
Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tghatha zmien ragjonevoli sabiex tirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni ta’l-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar piena, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputata, il-koperazzjoni shiha ta’ l-imputata mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u l-fatt illi mix-xhieda ta’ Jean Cali, rapprezentanta tal-Caritas, jidher illi l-imputata qed taghmel hilitha sabiex teghleb il-vizzju tad-drogi.

Il-Qorti madanakollu thoss illi l-imputata ghandha tigi issorveljata minhabba illi dan il-vizzju wassalha sabiex hija dahlet fit-triq tad-delinkwenza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qeghda tqieghed lil hatja fuq Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija ma toqghodx ghall-ordni mghotija fil-konfront taghha llumu jekk hjija ma tobdix l-ordnijiet moghtija lilha mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti finalment b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tordna lill-hatja thallas bhala danni lill-parte leza s-segwenti ammonti u cioe` lil Yasmine Azzopardi s-somma ta’ €422, lil Maria Piscopo s-somma ta’ €58 u lil Michelle Falzon is-somma ta’ €70 u dana fi zmien 6 xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------